# BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Seduta tallum 30 ta' Jannar 2023**

**John Zammit Gauci ID 134736M, Michael Zammit Gauci ID 601541M flimkien ma' Anna Gatt ID 01026549M, Therese Invernizzi ID 0694861M u Catherine Bartheret Cavallo ID 0308063M bhala kuraturi tal-interdetta Maria sive Miriam Cavallo ID 305132M skont dikriet mahrug fis-27 ta' Jannar 2017**

**vs**

**L-Awtorita' tal-Artijiet**

**Kawza Numru: 9**
**Rikors Numru : 31/2019 NB**

**Il-Bord,**

## I. <u>PRELIMINARI</u>

**Ra r-rikors ta' John Zammit Gauci ID 134736M et ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2019 fejn ġie premess:**

1.Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond numru ghaxra (10) Triq San Pawl Valletta kif jirrizulta mill-annessa formala **Dok A** u dokumenti hemm mehmuza.

2. Illi dan il-fond huwa soggett ghal proceduri ta' esproprijazzjoni skont dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 5 ta' Marzu 2014 u ppubblikata bhala Avviz numru 254

fil-Gazzetta tal-Gvern, formanti parti mill-art hemm deskritt (file ref:L57/89/7) Kopja **Dok B.**

3. Illi l-esponenti qatt ma rcevew offerta ta' kumpens mill-intimata jew mill-Kummissarju tal-Artijiet.

4. Illi l-esponenti nghataw parir illi l-fond ghandu l-valur ta' €200,000 skond deskrizzjoni u stima tal-AIC Godwin Abela, kopja **Dok C.**

5. Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu li dan il-Bord, prevja kull dikjarazzjoni u provediment li hemm bzonn:

a) Jiddetermina illi l-esponenti huma s-sidien tal-imsemmija porzjoni art fuq indikata;

b) Jiffissa l-prezz jew kumpens dovut lill-esponenti skont l-Artikolu 64 et sequitur Kap 573 bl-ghajnuna okkorrendo tal-periti membri ta' dan il-Bord;

c) Jiffissa l-imghax dovut skont l-istess ligi;

d) U jghati dawk il-provedimenti kollha li hemm bzonn.

Bl-ispejjez.

**Ra r-risposta tal-Awtorita tal-Artijiet datata 21 ta' Novembru 2019 (fol 49) fejn ġie eccepit:**

1. Illi hija giet notifikata bir-rikors promutur fl-1 ta' Novembru, 2019 u dan l-Onorabbli Tribunal ghogbu jatiha ghoxrin gurnata biex twiegeb, kif fil-fatt qieghda taghmel permezz tal-prezenti risposta;

2. Illi primarjament ir-rikorrenti jridu jissudisfaw lil dan l-Onorabbli Bord illi huma tassew is-sidien ta' l-art in kwistjoni;

3. Illi dan l-Onorabbli Bord ghandu jiehu konjizzjoni tal-fatt illi l-ewwel dikjarazzjoni illi kienet harget in rigward ta' din il-propjeta' kienet fil-fatt dik tal-Agent President ta' Malta fil-21 ta' Marzu, 1989 fejn l-art kienet iddikjarata mehtiega ghal skop pubbliku skont Kap 88 u li l-akkwist taghha kellu jsir b'xiri assolut meta jkun qieghed jiffissa l-kumpens ghall-propjeta' kif mitlub jaghmel mir-rikorrent;

4. Illi ta' min jinnota wkoll il-fatt fid-dikjarazzjoni Presidenzjali kien jidher ben car illi qieghed jigi offrut l-ammont ta' hamsa u erbghin Elf Ewro (€45,000) bhala kumpens fuq stima tal-Perit Michael Schembri;

5. Illi talli kumpens offrut kien fil-fatt offrut anke lilhom direttament permezz ta' komunikazzjoni lill-avukat patrocinanti taghhom kif ser jigi muri ahjar fil-mori ta' din il-kawza;

6. Illi l-awtorita' esponenti il-kaz kien maghluq taht il-Kap 88 stante illi id-dikjarazzjoni presidenzjali dak iz-zmien kienet tfisser ukoll illi sar l-akkwist u ghaldaqstant ma japplikawx l-artikoli msemmija mir-rikorrent;

7. In vista ta' dawn il-fatti l-Awtorita':

a. Ma tapponix l-ewwel talba;
b. Topponi t-tieni talba u tirribatti illi l-ammont ghandu jkun dak ta' hamsa u erbghin elf Ewro (€45,000) hekk kif indikat fil-gazzetta tal-Gvern;
c. Rigward it-tielet talba tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' dan l-Onorabbli Bord sakemm dan ikun fil-limiti impost mill-ligi;
d. Rigward ir-raba' talba ma hemmx oggezzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri pemessi mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Ra l-verbali tas-seduti.**

**Ra li din il-kawza giet assenjata lil dan il-Bord kif presjedut in forza ta' Ordni tal-Prim' Imhallef, S.T.O. Mark Chetcuti, tas-27 ta' Lulju 2021.**

**Ra l-atti processwali kollha.**

**Ra n-noti ta' osservazzjonijiet ta' entrambi l-partijiet ossia dik tal-atturi pprezentata fis-17 ta' Dicembru 2021 (fol 78 et seq) u dik tal-Awtorita pprezentata fil-31 ta' Jannar 2022 (fol 82 et seq).**

**Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2022 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.**

## II. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET</u>

Din il-kawża tirrigwarda t-tehid tal-fond numru 10 Triq San Pawl, Valletta li jirrizulta hu kolpit b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-21 ta' Frar 2014 pubblikata fl-avviz

numru 254 fil-Gazzetta tal-Gvern datata 5 ta' Marzu 2014 (Dok B – fol 41). F'din id-Dikjarazzjoni, wara li gie premess li l-proprjeta in meritru kienet milquta b'Dikjarazzjoni precedenti tal-Agent President ta' Malta tal-21 ta' Marzu 1989 abbazi ta' liema tali proprjeta kienet dikjarata bhala mehtiega ghal skop pubbliku skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88 u li l-akkwist taghha kellu jkun b'xiri assolut, gie indikat kumpens fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf Ewro skond stima tal-perit Michael Schembri bil-valur jittiehed fl-1 ta' Jannar 2005. Mal-istess dikjarazzjoni hemm ukoll stima tal-Perit Michael Schembri (fol 41) u pjanta (fol 42).

Fl-ewwel eċċezzjoni taghha l-Awtorita intimata teccepixxi li l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom fuq il-fond in meritu. F'dan ir-rigward il-Bord jaghmel referenza ghal provi prodotti mill-atturi ossia l-*property ownership form* (Dok A – fol 3 et seq), u l-kuntratti u dokumenti annessi mal-istess (esebiti minn fol 7 sa 40) mnejn tohrog il-provenjenza tal-istess proprjeta. Dawn il-provi ma gewx bl-ebda mod kontradetti mill-intimata, anzi ssir referenza ghal dak li ġie ddikjarat mill-Awtorita' intimata fis-seduta tal-5 ta' Frar 2020 (fol 54) u fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2021 (fol 67) ossia li l-istesss Awtorita intimata hija sodisfatta bit-titolu tar-rikorrenti. In vista ta' dan u tenut kont tal-provi sottomessi mir-rikorrenti l-Bord iqis li l-istess rikorrenti ppruvaw it-titolu taghhom dwar il-proprjeta in meritu u ghalhekk il-Bord huwa soddisfatt bit-titolu tal-atturi.

Stabbilit il-punt dwar it-titolu l-Bord sejjer jghaddi biex jiddetermina l-valur tal-kumpens dovut lir-rikorrenti. Filwaqt li l-atturi jsostnu li kumpens gust huwa dak ta' €200,000 kif stabbilit mill-perit *ex parte* taghhom Godwin Abela (Dok C – fol 43) l-Awtorita tinsisti li l-valur ghandu jkun dak imsemmi fid-dikjarazzjoni tal-President publikata fil-5 ta' Marzu 2014 u cioe' ta' €45,000 bazat fuq il-valur tal-fond fl-1 ta' Jannar 2005.

L-atturi jibbazaw l-azzjoni taghhom taħt l-artikolu 64 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta izda l-Awtorita tinsisti li l-artikolu citat mir-rikorrenti taht il-Kap 573 mhux applikabbli ghal dan il-kaz billi l-esproprju *de quo* kien maghluq taht il-Kap. 88 stante li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali dak iz-zmien kienet tifisser ukoll li sar l-akkwist.

**Applikabilita tal-Kap 88 jew tal-Kap 573 ghal proceduri odjerni**

L-Awtorita ssostni li l-esproprjazzjoni *de quo* giet mghaluqa taht il-Kap. 88 meta nhraget id-Dikjarazzjoni presidenzjali tat-2014 u tinsisti li l-kumpens pagabbli ghandu jkun dak ta' €45,000 indikat fl-istess gazzetta u mahdum abbazi tal-Kap 88. F'dan l-isfond il-Bord iqis li l-ewwel li jrid jigi stabbilit f'din il-kawza huwa liema ligi hija applikabbli ghal kaz odjern.

Jibda biex jinghad illi l-azzjoni *de quo* giet inizzjata fit-22 ta' Ottubru 2019 meta kien in vigore l-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta li gie promulgat f'Ligi bl-Att XVII tal-2017 u gie fis-

sehh fil-25 ta' April 2017. F'dan ir-rigward il-Bord jinnota li bl-introduzzjoni tal-Kap 573, il-Kap 88 ma baqax aktar fis-sehh salv ghad-dispozizzjonijiet tranzitorji kontenuti fl-istess Kap 573.

Fl-ewwel lok l-Artikolu 82[1] tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta intitolat 'dispożizzjoni tranżitorja' jipprovdi illi:

> *Kull għemil, deċiżjoni jew azzjoni meħuda qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att skont l-artikoli 468 u 468A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-artikoli 1576A sa 1576D tal-Kodiċi Ċivili, l-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, l-artikoli 20 sa 26 tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', l-Att dwar Żgumbrament minn Artijiet, l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern u l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Artijiet għandha tkompli tkun regolata bil-liġijiet li kienu fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.*

Kif inhu ben evidenti minn dan l-artikolu, fejn il-Legislatur ried li sitwazzjoni guridika li kienet regolata b'ligijiet specifici in vigore qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap 573 kellha tibqa hekk regolata bil-ligi kif kienet fis-sehh qabel il-Kap 573, dan qalu. Il-Kap. 88 m'hiex wahda mill-Ligijiet imsemmija f'dan l-Artikolu u kwindi b'operazzjoni tal-Ligi stess il-kwistjonijiet kollha li qabel kienu regolati bil-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, minn wara l-promulgazzjoni tal-Kap 573 il-quddiem kellhom u ghandhom ikunu regolati mill-istess Kap 573.

L-unika eccezzjoni ghal din ir-regola hija dik li tinstab fl-artikolu 78 tal-Kap 573 jipprovdi illi :

> *78. (1) Proċeduri pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikomplu jkunu regolati bil-liġijiet sostantivi li kienu fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, sakemm is-sid ma jindikax permezz ta' nota bil-miktub imressqa fl-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ li huwa jixtieq li l-proċeduri jiġu deċiżi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.*
>
> *(2) Jekk is-sid jagħżel li l-proċeduri għandhom jiġu deċiżi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att huwa għandu jitħalla jżid jew ibiddel it-talbiet biex dawn ikunu jirriflettu l-azzjonijiet u r-rimedji msemmija f'dan l-Att.*
>
> *(3) Appelli pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jibqgħu jinstemgħu mill-istess Qorti skont il-liġi li kienet fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, iżda dan mingħajr ħsara għas-sid li jekk irid iressaq*

[1] Is-sit elettroniku tal-Ligijiet ta' Malta jindika l-Kap 88 bhala mhux aktar fis-sehh u imhassar, salv li jaghmel referenza ghall-artikolu 84 tal-Att XVII tal-2017. Hanwhekk il-Bord jippuntwalizza li r-referenza ghall-artikolu 84 hija zbaljata billi l-Kap 573 ma fih ebda Artikolu 84 izda jasal sa Artikolu 82 li jittratta d-dispozizzjonijiet tranzitorji. Ghalhekk ir-referenza korretta hija l-Artikolu 82.

> *azzjoni ġdida skont dan l-Att dwar materji li ma jkunux ġew deċiżi mill-Bord tal-Arbitraġġ jew mill-Qorti tal-Appell.*

B'hekk huwa car li huma biss kazijiet mibdija meta kien ghandu fis-sehh il-Kap 88 li ghandhom jibqghu jkunu regolati bil-ligijiet sostantivi tal-Kap 88 u li allura kull azzjoni mibdija minn wara d-dhul fis-sehh tal-Kap 573 – fil-25 ta' April 2017 – ghandhom ikunu regolati mill-istess Kap 573. Pero l-legislatur mar oltre u permezz ta' dan l-artikolu qed jaghmilha possibbli sabiex fi proceduri li jkunu nbdew taht ir-*regime* tal-Kap 88 u li jkunu ghandhom pendenti *post* il-promulgazzjoni tal-Kap 573, is-sid ikollu l-ghazla li jkompli l-azzjoni tieghu taht il-Kap 573. Dan juri kemm il-legislatur irid li huwa l-Kap 573 li ghandu japplika ghar-rizoluzzjoni ta' kawzi minn wara l-promulgazzjoni tieghu il-quddiem tant li qed jaghti lis-sid din l-ghazla.

Izda mhux hekk biss, l-artikolu 78 tal-Kap 573 ikompli wkoll biex jipprovdi mekkanizmu fejn is-sid li jkun beda l-azzjoni tieghu taht il-Kap 88 u jkun ghazel li jkompli tali azzjoni taht il-Kap 573, jista sahansitra jżid jew ibiddel it-talbiet tieghu biex dawn ikunu jirriflettu l-azzjonijiet u r-rimedji mghotija taht il-Kap 573. Dan juri bic-car li l-legislatur irid li f'azzjonijiet gja mibdija taht il-Kap 88, sid li ghandu l-kaz tieghu pendenti, jigi assigurat lilu d-dritt li juzufruwixxi mir-rimedji kollha kontemplati taht il-Kap 573 (u li allura ma kienux disponibbli ghalih taht il-Kap 88 meta huwa jkun fetah il-Kawza) u dan billi jzid jew ibiddel it-talbiet tieghu.

Ghalhekk f'sitwazzjoni ta' Ligi bhal din, fejn f'kawzi mibdija taht il-Kap 88 huwa possibbli li jitkomplew taht il-Kap 573 u fejn sahansitra huwa anke permess li jinbidlu t-talbiet biex il-kawza tkun konformi mal-azzjonijiet u r-rimedji kontemplati fil-Kap 573, *multo magis* kemm huwa car li ghandu japplika l-Kap 573 f'dan il-kaz li proprju nbeda taht l-istess Kap 573.

Hawnhekk il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022 fil-kawza fl-ismijiet **'Andrew Agius u martu Nikolina Agius u Zoqdi Developers Limited (C 10213) v. L-Awtorita` tal-Artijiet" (Rikors numru 3/18)** fejn il-Qorti tal-Appell f'kaz fejn kien hemm ukoll dikjarazzjoni mahruga qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap. 573 (f'dak il-kaz kienet dikjarazzjoni tal-2011) izda l-kawza inbdiet wara d-dhul fis-sehha tal-Kap 573 (il-kawza inbdiet fit-2018) applikat l-Artikolu 64 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta biex stabbiliet il-kumpens u qalet hekk:

> *Din il-Qorti ma taqbilx mal-Awtorita` appellata li ladarba l-proprjeta` in kwistjoni ġiet esproprjata fl-2011 meta kien viġenti l-Kap. 88, allura dak huwa l-punctum temporis li wieħed irid iħares lejh bħala ż-żmien li fih twettqet it-transazzjoni, mingħajr żidiet skont l-indiċi tal-inflazzjoni. Dan mhux biss peress li l-Kap. 88 ġie revokat bl-Att XVII tal-2017, l-istess Att li ġab fis-seħħ il-liġi l-ġdida (Kapitolu 573 – Att dwar Artijiet tal-Gvern). Iżda wkoll peress li l-Artikolu 64 tal-Kap. 573 jipprovdi proprju għall-każijiet fejn bħal dak in eżami, l-art tkun soġġetta għal dikjarazzjoni qabel id-dħul fis-*

*seħħ ta' dak l-Att u l-Gvern ikun ħa l-pussess tagħha, mingħajr ma jkun qatt inħareġ avviż tal-ftehim, is-sid huwa ntitolat li jitħallas kumpens għall-akkwist tal-art "skont il-valur tal-art fiż-żmien li nħarġet id-dikjarazzjoni, liema kumpens għandu jiġi aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar."*

Ghalhekk il-Bord iqis li s-sitt eccezzjoni tal-Awtorita m'ghandhiex mis-sewwa u qed tigi rigettata.

Kif inghad, f'dan il-kaz filwaqt li l-atturi jsostnu li kumpens gust huwa dak ta' €200,000 kif stabbilit mill-perit *ex parte* taghhom Godwin Abela (Dok C – fol 43) l-Awtorita tinsisti li l-valur ghandu jkun dak imsemmi fid-dikjarazzjoni tal-President ippublikata fil-5 ta' Marzu 2014 u cioe' ta' €45,000 skond rapport tal-perit Michael Schembri bazat fuq il-valur tal-fond fl-1 ta' Jannar 2005.

Sabiex jassistuh f'dan il-kaz il-Bord hatar bhala esperti teknici membri tal-Bord lill-Perit David Pace u Valerio Schembri. Fir-rapport taghhom a fol 55 et seq tal-process huma kkonkludew hekk:

*"… wara li hadu konjizzjoni tal-atti, tal-kostatazzjonijiet li saru fuq il-post u kkunsidraw dak kollu fis-suespost, jistmghu il-valur tal-proprjeta kif hawn deskritta, u bhala libera u franka, fis-suq hieles fl-1 ta' Jannar 2019 fis-somma ta' € 175,000".*

Il-periti teknici waslu ghal konkluzjoni taghhom wara li hadu s-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

*"4. Jinghad li l-post ma nfetahx u l-esponenti ma accedewx fil-fond de quo. Jigi rilevat li l-esponenti ser jghaddu ghall-valutazzjoni taghhom a bazi tal-kostatazzjonijiet li saru mit-triq u minn dak li rrizultahom mill-process.*

*5. Dwar id-deskrizzjoni ta l-ambjenti nterni tal-proprjeta u l-kundizzjoni taghhom l-esponenti ma jistghux jirrelataw stante li l-access ghall-fond proprio huma ma nghatawx. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi huma ser joqghodu fuq dak li jirrizultahom mill-atti senjatament mill-Land Registry Plan mhejjija mill-AIC Stefan Scotto u r-rapport ex parte tal-AIC Godwin Abela.*

*6. Jidher li l-ambjenti indikat bl-ittra A fuq il-land Registry Plan redatta mill-AIC Stefan Scotto ta kejl ta' circa 5.2m x 3.7m (ergo area ta' cirka 19.24m$^2$) hija aktarx it-tromba tat-tarag li tghaqqad is-sulari kollha tal-fond, liema sularil-istess kollega qed jirreferi ghalihom bhala 1,2 & 4. Mhux car x'kejl*

*ghandha l-istess tromba fil-pjan terren pero l-AIC Godwin Abela jghid li hemm cirka 10m$^2$.*

*7. Dwar l-ambjent indikat bl-ittra B fuq l-istess pjanta redatta mill-AIC Stefan Scotto qed jigi indikat li din l-area flimkien ma l-area indikata bl-itrra A, jikkomprendu s-sular li ssir referenza ghalih bhala Level 1 b'area totali ta' 43.32m$^2$. L-AIC Godwin Abela jghid li dan is-sular fih zewg ambjenti u l-pjan tat-tarag u kejl totali nkluz it-tromba tat-tarag ta' cirka 28.5m$^2$.*

*8. Dak li l-AIC Stefan Scotto jindika bhala level 2 huwa aktarx biss it-tromba tat-tarag bil-landing/s maghha.*

*9. Dwar il-livell finali l-AIC Stefan Scotto jindika li dak li huwa jsejjahlu level 4 ghandu area ta' cirka 80 m$^2$. Dwar dan il-livell l-AIC Godwin Abela jghid li hemm zewg ambjenti interkonnessi u jsegwi li skond hu l-istess livell inkluz it-tarag ghandu area ta cirka 52m$^2$.*

*10. Il-pjanta tal-AIC Stefan Scotto fiha qisien ben precizi u ghaldaqstant isegwi illi aktarx l-istess kollega acceda fil-fond de quo u ha l-istess qisien.*

*11. l-AIC Godwin Abela fir-rapport tieghu jghid li ma accediex fil-fond in kwistjoni u qaghad fuq l-ispjegazzjonijiet li tah il-klijent.*

*12. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-essponenti jhossu li ghandhom jibbazaw il-valutazzjoni taghhom fuq l-areas elenakati mill-AIC Stefan Scotto.*

*13. Dwar il-lok tal-proprjeta jirrimarkaw li din hija parti ta' Triq San Pawl, Valletta, vicin il-Berga ta' Kastilja u l-Ufficcju ta' l-Ombudsman. Jsegwi illi s-sit in kwistjoni jinsab f'lokalita prestigjuza ghal ufficini. Minn barra ma jidhirx illi l-parti tal-binja li dwarha jirrigwarda dan ir-rapport hija mantenuta jew rrestawrata".*

Ghalkemm fil-bidu l-Awtorita intimata qajjmet kwistjoni dwar ir-rapport tal-periti teknici fuq il-bazi li huma ma kienux accedew fil-fond (fol 61) sussegwentement fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2020 (fol 63) l-Awtorita ddikjarat li kienet sejra tistrieh fuq ir-rapport tal-periti teknici u mhux ser tinsisti li jerga jsir wara li jinghata access ghall-fond in kwistjoni. Izda talbet li tressaq domandi in eskussjoni.

Permezz ta' nota a fol 66 tal-process l-Awtorita ressqet domanda in eskussjoni fejn talbet 'x'operazzjonijiet paragunabbli uzaw biex waslu ghall-istima taghhom u jekk dawn huma kuntratti d-dettalji taghhom". Fir-risposta taghhom ghad-domanda in eskussjoni tal-Awtorita, l-periti teknici rrispondew illi:

*Huma gew mistoqsija x'operazzjonijiet paragunabbli uzaw sabiex waslu ghall-istima taghhom u fir-rigward jikkonfermaw illi access ghas-sit de quo kif jinghad fir-relazzjoni taghhom ma kellhomx. Ergo ma setghax jigi stabbilit xejn dwar il-kundizzjoni tal-fond ecc u jsegwi li operazzjonijiet paragunabbli kien difficli jsiru. Pero deherilhom li r-rati tas-suq ghal ufficini fil-Belt Valletta fl-2019 kienu jvarjaw bejn cirka €2500 u €4500 kull metru kwadru. Fic-cirkostanzi stante illi kkunsidraw il-fond bhala li jehtieg restawr u refurbishment, deherilhom illi r-rata ta' crika €1500 il-metru kwadru kienet 'fair and reasonable' sabiex jaslu ghall-valutazzjoni taghhom".*

Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2021 id-difensuri tal-partijiet qablu li l-valutazzjoni tal-perit Michael Schembri msemmija fid-Dikjarazzjoni Presidenzjali a fol 41 tal-process hija awtentika u ma kien mehtieg ebda prova ulterjuri ghal finijiet ta' veracita tal-istess stima.

Permezz ta' Digriet tat-23 ta' Frar 2022 l-inkarigu tal-periti teknici gie estiz sabiex jirrelataw dwar il-valur tal-proprjeta in meritu fid-data tal-ewwel Dikjarazzjoni Presidenzjali ossia 21 ta' Marzu 1989 u kif ukoll fid-data tal-1 ta' Jannar 2005.

Fir-rapport ulterjuri taghhom in segwitu ghad-Digriet sudett il-periti teknici rrelataw kif gej:

*"2. Jigi kkonfermat illi fl-ewwel relazzjoni taghhom l-esponenti kienu stabbilew il-valur tal-proprjeta mertu tal-kawza, u bhala libera u franka, fuq is-suq hieles fl-1 ta' Jannar 2019 fis-somma ta' €175,000.*

*3. Fic-cirkostanzi l-esponenti a bazi tal-Property Index mahrug mill-Bank Centrali jidrilhom illi ghandhom jistabilixxu illi fil-21 ta' Marzu 1989 il-proprjeta in kwistjoni kellha valur bhala libera u franka fis-somma ta' €27,000.*

*4. Fic-cirkostanzi l-esponenti a bazi tal-Property Index mahrug mill-Bank Centrali jidrilhom illi ghandhom jistabilixxu illi fl-01 ta' Jannar 2005 il-proprjeta in kwistjoni kellha valur bhala libera u franka fis-somma ta' €75,000".*

F'dan il-kaz il-Bord ghandu quddiemu diversi valutazzjonijiet u cioe':

| **Perit** | **Valur** | **Data** |
|---|---|---|
| Perit ex parte tar-rikorrenti Godwin Abela | €200,000 (fol 43) | 24 ta' Ottubru 2016 |
| Perit ex parte tal-Awtorita Michael Scembri | €45,000 (fol 41) | 1 ta' Jannar 2005 |
| Periti teknici | €175,000 (fol 57) | 1 ta' Jannar 2019 |
| Periti teknici | €27,000 (fol 97) | 21 ta' Marzu 1989 |

| | | |
|---|---|---|
| Periti teknici | €75,000 (fol 97) | 1 ta' Jannar 2005 |

Kif inghad l-atturi qedin jibbażaw l-azzjoni taghhom ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:-

> *64. (1) Meta art tkun soġġetta għal dikjarazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u l-Gvern ikun ħa l-pussess tagħha iżda ma jkun qatt inħareġ avviż tal-ftehim jew ikun ġie indikat il-kumpens għall-akkwist ta' dik l-art, kull min juri għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Arbitraġġ li huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq dik l-art jista' jitlob li dik l-art tiġi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorità.*
>
> *(2) Din l-azzjoni għandha ssir permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Bord tal-Arbitraġġ li għandu jiġi indirizzat kontra l-awtorità li jkollha jedd ta' għoxrin jum biex twieġeb minn mindu tiġi notifikata bir-rikors.*
>
> *(3) Il-kumpens li għandu jitħallas għall-akkwist tal-art, għandu jkun skont il-valur tal-art fiż-żmien li nħarġet id-dikjarazzjoni, liema kumpens għandu jiġi aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.*
>
> *(4) Barra mill-kumpens għall-akkwist tal-art kif stabbilit f'dan l-artikolu, is-sid jista' jitlob ukoll lill-Bord tal-Arbitraġġ sabiex jillikwida u jordna lill-awtorità tħallsu danni materjali u danni morali minħabba d-dewmien biex sar l-akkwist.*
>
> *(5) Iż-żmien perentorju indikat fl-artikolu 63(6) biex titressaq l-azzjoni jgħodd mutatis mutandis għall-azzjoni taħt dan l-artikolu.*

Fil-kaz in dizamina rrizulta li l-fond in meritu huwa soġġett għal zewg dikjarazzjonijiet li tnejn hargu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap 573 ossia d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-21 ta' Frar 2014 pubblikata fl-avviz numru 254 fil-Gazzetta tal-Gvern datata 5 ta' Marzu 2014 (Dok B – fol 41) u d-Dikjarazzjoni precedenti tal-Agent President ta' Malta tal-21 ta' Marzu 1989 abbazi ta' liema l-proprjeta kienet dikjarata mehtiega ghal skop pubbliku skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88 u li l-akkwist taghha kellu jkun b'xiri assolut. Mix-xhieda tan-Nutar Marisa Grech tal-24 ta' Frar 2021 (fol 70 et seq) irrizulta wkoll li l-Gvern ħa l-pussess tal-fond iżda qatt ma inħareġ avviż tal-ftehim.

Jirrizulta f'dan il-kaz, pero' illi bid-dikjarazzjoni tal-21 ta' Frar 2014 l-Awtorita indikat kumpens ta' €45,000 għall-akkwist tal-fond. U hawnhekk iqum il-kwezit dwar jekk ghandux japplika o meno l-Artikolu 64 tal-Kap 573 in vista tal-fatt illi fl-ahhar dikjarazzjoni gie indikat kumpens. Hawnhekk il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza preliminari tieghu fl-ismijiet **David Abela et vs Awtorita tal-Artijiet (13/2021) deciza fil-25 ta' Mejju 2022** u ghalkemm il-Bord hu konxju li l-imsemmija sentenza tinsab pendenti l-Appell *ad istanza* tal-Awtorita intimata, l-Bord ghadu tal-istess fehema u konformement ma dik is-sentenza iqis illi l-fatt li fit-tieni dikjarazzjoni f'dan il-kaz kien hemm indikat valur ghall-akkwist m'ghandux ikun ta' ostakolu ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 64 tal-Kap 573 f'dan il-kaz u dan ghall-istess ragunijiet imsemmija fid-decizjoni appena citata. B'zieda ma dan il-Bord madanakollu jinnota illi dan l-istess punt huwa

wkoll il-mertu ta' sentenza ohra ta' dan il-Bord fl-ismijiet **Giovanna Borg (ID 866336M) vs L-Awtorita' tal-Artijiet (Rikors Numru: 13/2018 NB)** deciza fit-28 ta' Settembru 2022 liema sentenza ghal dak li jirrigwarda l-applikabilita tal-Artikolu 64 f'xenarju fejn id-dikjarazzjoni mahruga qabel il-Kap 573 jkollha wkoll valur indikat hija *res judicata*.

Għalhekk fil-kaz *de quo* l-Bord hu tal-fehema li l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti għall-akkwist tal-art *de quo* ghandu jkun fit-termini tal-provvedimenti tal-Artikolu 64 tal-Kap 573 u cioe skond il-valur tal-art fiż-żmien li nħarġet id-dikjarazzjoni liema kumpens ghandu jkun aġġornat skont l-indiċi tal-inflazzjoni.

F'dan ir-rigward, fil-kaz prezenti jqumu zewg kweziti ossia liema dikjarazzjoni hija dik applikabbli u cioe' jekk hux l-ewwel dikjarazzjoni ossia tal-21 ta' Marzu 1989 jew inkella dik tal-21 ta' Frar 2014 publikata fil-5 ta' Marzu 2014. F'kull kaz ai termini tal-Art 64(3) tali valur ghandu jigi umbghad aggiornat skond l-ahhar indici tal-inflazzjoni. Minn naha l-ohra l-Awtorita tghid li l-valur attribwibbli ghandu jkun il-valur tal-fond fl-1 ta' Jannar 2005 a tenur tal-Artikolu 18A tal-Kap 88. Dwar dan l-ahhar kwezit, gja inghad *supra* illi l-Bord iqis li fil-kaz *de quo* il-provvedimenti tal-Kap 88 m'humiex applikabbli u li l-kumpens irid jinhadem skond ma jipprovdi l-Artikolu 64 tal-Kap 573.

Dwar liema dikjarazzjoni ghandha tkun dik applikabbli ghal finijiet biex jigi stabbilit il-valur inizzjali tal-fond, il-Bord jibda biex jinnota illi d-dikjarazzjoni tal-21 ta' Frar 2014 publikata fil-5 ta' Marzu 2014 jidher li hija Dikjkarazzjoni bi tkomplija ghal process li kien gja beda bid-Dikjarazzjoni tal-Agent President ta' Malta tal-21 ta' Marzu 1989 u fejn fiha gie biss indikat il-kumpens offrut ghall-esproprju. Ghalhekk il-Bord hu tal-fehema illi meta l-Artikolu 64 tal-Kap 573 jirreferi ghall-*"valur tal-art fiż-żmien li nħarġet id-dikjarazzjoni"* dan neccessarjament jirreferi ghad-Dikjarazzjoni meta legalment ikun inbeda l-process ta' espropriju li f'dan il-kaz m'hemmx dubbju hija d-dikjarazzjoni tal-Agent President ta' Malta tal-21 ta' Marzu 1989 fejn fiha gie dikjarat li l-fond in meritu kien mehtieg mill-Awtorita kompetenti ghal skop pubbliku skond id-Dispozizzjonijiet tal-Kap 88 u li l-akkwist tieghu kellu jkun b'xiri assolut. Skond il-Ligi u l-gurisprudenza dan huwa l-*punctum temporis* relevanti ghal finijiet biex jigi stabbilit il-valur tal-art. Ghalhekk il-Bord sejjer jimxi fuq il-valur tal-proprjeta fil-21 ta' Marzu 1989 li ghandu jigi aggiornat skond l-ahhar indici tal-inflazzjoni.

Dan il-mekkanizmu jsib ukoll riljiev – anke jekk biss ghal finijiet komparattivi – fil-mekkanizmu stabbilit fl-artikolu 44 tal-Kap 573. Ghalkemm huwa car li l-artikolu 44 jirreferi ghal sitwazzjoni fejn it-tieni Dikjarazzjoni tkun inharget wara d-dhul fis-sehh tal-Kap 573 ghax jirreferi ghal Dikjarazzjoni gdida mahruga miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet[2], li mhux il-kaz fil-kawza prezenti ghaliex hawnhekk it-tieni Dikjarazzjoni inharget mill-President ta' Malta u qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap 573, tali artikolu xorta jitfa dawl fuq il-kwezit *de quo* billi l-istess artikolu jipprovdi illi f'sitwazzjoni fejn tkun inharget aktar minn dikjarazzjoni wahda – bhal ma

[2] Ufficju mahluq biss bil-promulgazzjoni tal-Kap 573.

hu l-kaz prezenti – l-valur u l-klassifikazzjoni tal-art għandhom jiġu stabbiliti skont il-valur u l-klassifikazzjoni ta' dik l-art fid-data meta tkun ħarġet l-ewwel dikjarazzjoni (sottolinejar tal-Bord).

B'hekk fil-fehema tal-Bord ghandu jkun pacifiku li fil-kaz prezenti l-valur li huwa relevanti ghal fini ta' kumpens huwa l-valur tal-fond meta harget l-ewwel Dikjarazzjoni ossia fil-21 ta' Marzu 1989. Dan il-hsieb tal-Bord jidher li huwa wkoll konformi mal-eccezzjoni numru 3 tal-Awtorita meta tghid illi l-Bord ghandu jiehu konjizzjoni tal-fatt illi l-ewwel Dikjarazzjoni li kienet harget fir-rigward tal-fond in meritu kienet dik tal-Agent President ta' Malta fil-21 ta' Marzu 1989 meta jkun qieghed jiffissa l-kumpens mitlub mir-rikorrenti.

Stabbilit il-mekkanizmu legali li ghandu japplika f'dan il-kaz jidfal issa l-kwistjoni ta' liema valur huwa dak gust ghal fini ta' kumpens. Kif inghad, f'dan il-kaz il-Bord kien rinfaccjat b'numru ta' valutazzjonijiet u f'dan ir-rigward il-Bord ihoss utili jaghmel referenza ghal numru ta' enuncjazzjonijiet gurispridenzjali dwar il-valur probatorju tar-relazzjoni tal-periti teknici tieghu.

Fil-kawża **Andrew Agius u martu Nikolina Agius u Zoqdi Developers Limited (C10213) vs. Direttur Dipartiment tat-Toroq et deciza finalment mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021 (Rikors numru 889/09/1 JZM)** intqal hekk:

> *"In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` tagħmlu b`mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("Grima vs Mamo et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998).*
>
> *Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. (ara - "Cauchi vs Mercieca" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "Saliba vs Farrugia" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "Tabone vs Tabone et" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; `Attard vs Tedesco et` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008)".*

Issir referenza wkoll ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Cremona Alfred et vs Kummissarju tal-Artijiet (4/2016/1) deciza fit-2 ta' Marzu 2018** fejn intqal:

> *Jibda billi jinghad illi f'materja ta' perizja teknika din tikkostitwixxi prova importanti u mhux normali li l-Qorti jew il-Bord jiskartaw l-istess prova,*

*specjalment meta parti fil-kawza tonqos milli tadopera r-rimedji disponibbli lillha sabiex tikkontrasta tali prova. F'dan il-kaz ukoll, kif gustament osserva l-istess Bord, hadd mill-partijiet ma ressaq mistoqsijiet in eskussjoni tal-periti membri tal-Bord wara li gie pprezentat ir-rapport taghhom. Huwa inutili li l-Awtorit appellanti tressaq argumenti f'dan l-istadju sabiex tittanta tattakka r-rata adoperata mill-istess periti meta lanqas biss ipprovat tiskossa l-periti membri mill-fehma taghhom quddiem il-Bord. Huwa ritenut illi l-Qorti m'ghandhiex tiskarta l-konkluzjonijiet tal-esperti teknici mahtura minnha, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccjuz. Hekk kif din il-Qorti kellha opportunita tistqarr, fis-sentenza taghha tad-29 ta' Jannar, 2016, fil-kawza fl-ismijiet B&B Property Development Company Limited v. Kummissarju tal-Artijiet: "Din il-Qorti trid tirribbadixxi il-punt illi f'materja ta' natura teknika trid, sa certu punt, taghti affidament lill-opinjoni ta' persuni mharrga fil-materja, u dan sakemm ma jitressqux argumenti u veduti li serjament ipoggu fid-dubbju dak li jghidu n-nies teknici fil-materja".*

Applikati dawn il-principji ghal kaz odjern il-Bord hu tal-fehema li l-valur stabbilit mill-Membri Teknici ghall-fond in kwistjoni ghandu jintuza minn dan il-Bord ghall-finijiet ta' determinazzjoni tal-kumpens dovut u dan anke tenut kont tal-fatt li ma saret ebda eskussjoni tal-istess Periti Teknici fir-rigward tar-rapport addizzjonali taghhom[3].

B'hekk il-kumpens dovut ghandu jinhadem kif isegwi u cioe' bil-valur tal-art fis-sena tad-dikjarazzjoni (21 ta' Marzu 1989) stabbilit mill-Periti teknici fil-valur ta' €27,000 liema valur ghandu jigi aggiustat skond l-indici ta' inflazzjoni kif irid l-Artikolu 64(3) tal-Kap 573 u hawnhekk il-Bord iqis li ghandu jadotta l-aggiustament tal-prezz billi jiehu l-indici tas-sena 2021 li huwa l-ahhar indici publikat qabel din id-decizjoni. Il-prezz ta' €27,000 aggiustat skond l-Artikolu 64(3) tal-Kap 573 ghas-sena 2021 jigi €54,349[4].

Ghaldaqstant dan il-Bord ser jgħaddi sabiex jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrenti mill-Awtorita intimata għax-xiri assolut tal-fond *de quo* ossia l-fond numru 10 Triq San Pawl, Valletta kif deskritt fid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-21 ta' Frar 2014 u pubblikata fl-avviz numru 254 fil-Gazzetta tal-Gvern datata 5 ta' Marzu 2014 (Dok B – fol 41) **fis-somma ta' €54,349**.

Ai termini tat-tielet talba taghhom l-atturi jitolbu wkoll lill-Bord sabiex jiffissa l-imghax dovut skond il-Ligi. F'dan ir-rigward il-Bord jaghmel referenza ghall-Artikolu 66 (1) tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:-

*66.(1) Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 64 u 65, is-sid għandu jedd ukoll li jirċievi mgħax bir-rata sempliċi ta' tmienja fil-mija fuq il-kumpens li jkun ġie stabbilit mill-Bord tal-Arbitraġġ kif dan ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan l-imgħax għandu jibda jgħaddi mid-data ta' meta tkun inħarġet id-dikjarazzjoni.*

---

[3] Verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2022 – fol 96.
[4] Ossia €27,000 x 892.51 (indici 2021) / 443.39 (indici 1989).

Ghalhekk il-Bord jiddikjara li imghax ta' 8% ghandu jkun pagabbli mill-Awtorita' intimata lir-rikorrenti fuq il-kumpens hawn likwidat a tenur tal-Artikolu 66(1) tal-Kap 573 u dekorribbli mill-21 ta' Marzu 1989 ċjoe' mid-data tal-ewwel dikjarazzjoni sal-pagament effettiv.

Kwantu ghas-sottomissjoni tal-atturi sollevata fl-ahhar paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet taghhom fejn qed jitolbu lill-Bord jillikwida somma bhala danni morali ta' kemm damu deprivati mill-fond, l-Bord jinnota li skont ir-rikors promotur ir-rikorrenti ma rreklamaw ebda danni fit-talbiet taghhom. Kif inhu risaput, il-Bord huwa marbut mat-talbiet kif dedotti u ghalhekk billi ma kien hemm talba ghal danni l-Bord huwa prekluz milli jinoltra ruhu fuq dan il-punt u kwindi qed jastjeni milli jipprovdi dwar l-istess.

## III. <u>KONKLUŻJONI.</u>

Ghalhekk, għal dawn ir-raġunijiet, il-Bord qiegħed jipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' intimata billi:-

1. Jilqa' l-ewwel talba attrici u jiddikjara li l-atturi huma sidien tal-fond in meritu ossia l-fond numru 10 Triq San Pawl, Valletta kif deskritt fid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-21 ta' Frar 2014 u pubblikata fl-avviz numru 254 fil-Gazzetta tal-Gvern datata 5 ta' Marzu 2014 (Dok B – fol 41).

2. Jilqa' t-tieni talba attrici u jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrenti mill-Awtorita intimata għax-xiri assolut tal-fond *de quo* ossia l-fond numru 10 Triq San Pawl, Valletta kif deskritt fid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-21 ta' Frar 2014 u pubblikata fl-avviz numru 254 fil-Gazzetta tal-Gvern datata 5 ta' Marzu 2014 (Dok B – fol 41) **fis-somma ta' erba' u hamsin elf tlett mija disa u erbghin Ewro (€54,349) u jordna lill-istess Awtorita intimata thallas lill-atturi l-kumpens hawn likwidat.**

3. Jilqa t-tielet talba attrici u jiffissa imgħax ta' 8% dovut mill-Awtorita' intimata lir-rikorrenti fuq il-kumpens hawn fuq likwidat li a tenur tal-Artikolu 66(1) tal-Kap 573 ghandu jkun dekorribbli mill-21 ta' Marzu 1989 ċjoe' mid-data tal-ewwel dikjarazzjoni sal-pagament effettiv.

4. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni tar-raba talba.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita intimata sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorità u dak stabbilit mill-Bord ikollhom għad-

differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord a tenur tal-Artikolu 73 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija**

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**30 ta' Jannar 2023**